MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 111/2015

**William Borg (ID 468263M)**

**vs**

**Anna Borg (ID 296868M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ ir-Rikorrent qd jitlob li l-Intimata tigi kundannata thallsu l-ammont ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600.00). Dana wara li ppremetta hekk:-

1. Skond klawsola 9(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti datat 12/2/2009, id-dejn fuq il-propjeta' immobbli parti mill-komunjoni kellu jinqasam nofs bin-nofs.
2. B'danakollu dawn id-djun baqghu jithallsu mir-Rikorrent wahdu, dana minkejja li hi rceviet €100,146.50c li kien nofs ir-rikavat mill-bejgh tad-dar matrimonjali liema bejgh sar ghall-prezz ta' €200,326.00c.
3. Ir-Rikorrent irid jigbor €2,600 li hu nofs id-dejn gravanti fuq il-komunjoni.
4. Mitluba thallas dan l-ammont l-Intimata baqghet inadempjenti.

B'RISPOSTA l-Intimata qalet li ma kellha thallas xejn ghax hallset ghas-servizzi tad-dawl u l-ilma f'ammont li jizboq lil dak mitlub mir-Rikorrent u ghalhekk **teccepixxi t-tpacija**.

**Ra** li hawn l-Intimata ghaddiet biex ghamlet KONTRO-TALBA ghall-hlas ta' €3,230.00c rapprezentanti nofs l-ammon ta' €6,460 ghas-servizz ta' dawl u ilma rigwardanti l-fond matrimonjali, 50, "Thanks God", Triq il-Hbit mill-Ajru, Kalkara.

B'RISPOSTA ntqal li l-Kontro-Talba kif proposta ma taqax taht il-kompetenza ta' dana t-TRIBUNAL. Dana billi din timplika nterpretazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni msemmi. Dana ghaliex ir-Rikorrent jikkontesta li kwalunkwe ammont li jista jkun dovut ghas-servizzi ta' dawl u ilma msemmija jinkwadra ruhu bhala dejn gravanti tal-propjeta' immobbli parti mill-komunjoni.

Fil-mertu, jichad il-pretensjonijiet ta' l-Intimata Rikonvenzjonanti.

**Ra** li fludjenza tat-12 ta' Mejju 2015 il-partijiet qablu li l-eccezzjonijiet preliminari ghandhom jigu decizi fis-sentenza finali.

## II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li ghandhom jitqiesu flimkien ma dak kollu mressaq quddiem it-TRIBUNAL inkluzi dokumenti. Senjatament hemm il-kuntratt ta' separazzjoni msemmi, esibit bhala Dok WB3 (*a fol* 26), bl-artiklu 9(f) indikat jinsab *a fol* 31.

2. L-ewwel xhieda mressqa mir-Rikorrent kienet tikkonsisti f'affidavit ta' wlied il-kontendenti, Yanika Borg (*fol* 14/15) u Nigel Borg (*fol* 16). **Yanika** qalet li baqghet toqghod mal-genituri sakemm inbieghet id-dar matrimonjali. Missierha telaq mid-dar ghall-bidu tas-sena 2010. Qabel fid-dar kienu hamsa, inkluza n-nanna. Il-kont tal-ilma kienet tiehu hsiebu hi, taqsmu bejn 4. Ghalhekk ommha qatt ma hallset kont tad-dawl wehidha. Wara li missierha telaq mid-dar ircevew kont b'lura. Ommha hallset €1000 u l-bqija nhareg mill-ulied u n-nanna. Accettat li ommha ma hallsitx il-kont li qalet hallset. **Nigel** xehed, fis-sustanza bhal ohtu.

3. **Reuben Bonnici**, xehed ghal-legal office tal-ARMS Limited u pprezenta *statements* u kontijiet tal-ilma u dawl dwar il-fond imsemmi (Dok RB1 *a fol* 38) u Dok RB2 (*a fol* 39-88). Il-kont inghalaq fil-25/11/2014 bi *credit* ta' €3.52c li ddawwar fuq terza persuna. Aktar dettalji fix-xhieda *a fol* 21/22 fejn semma wkoll l-*energy benefit.*

4. **William Borg**, Rikorrent ta' dettalji tal-hlasijiet li ghamel, u x'kienet ghamlet martu u x'ghamlu membri ohra tal-familja (ara *fol* 22/23). Martu l-**Intimata** tat il-verzjoni taghha u din tinsab fix-xhieda *a fol* 23/24)

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. L-ewwel problema quddiem it-TRIBUNAL hi dik dwar il-kompetenza tieghu li jisma din il-kawza b'kontro-talba maghha. Din l-eccezzjoni preliminari tqajjmet formalment mill-Intimata u hu wkoll dmir tat-TRIBUNAL li fejn ihoss li ghandu jaghmel dan, eccezzjoni bhal din iqajjimha *marte proprio*, b'mod li l-partijiet ma jistghux ikunu huma li, bis-silenzju taghhom jew mod iehor, jinvestu lit-TRIBUNAL b'kompetenza li mhiex tieghu.

2. It-TRIBUNAL iqis biss "money claims". Dan ma jfissirx li qieghed hemm biex jiddeciedi kawzi ta' ammissjoni, jew kawza ta' kontumacja fejn bizzejjed li r-Rikorrent jikkonferma "claim". Imma t-TRIBUNAL ma jistax iqis talba li apparentement jew *prima facie* tkun "money claim" imma mbaghad isib li jrid imur oltre minn hekk. Dana xi drabi in vista ta' eccezzjoni li ma tkunx frivola jew invista ta' kontro-talba.

3. Fil-kaz prezenti t-TRIBUNAL iqis li biex jigi mgharbel sew il-kaz li ghandu quddiemu jrid jidhol biex janalizza l-portata tal-att ta' separazzjoni bejn il-kontendenti, senjatament il-komunjoni tal-akkwisti u fiex kien jikkonsisti d-dejn fuqha. Bil-komplikazzjoni li xi dejn dahlu ghalih, jinghad skond ftehim, xi membri ohra tal-familja fejn anke ssemma xi *credit benefit* fuq il-kont tad-dawl u ilma. Dan mhux terren li jaqa fil-kompetenza tat-TRIBUNAL.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi jiddikjara ruhu inkompetenti li jisma l-kawza, inkluza l-kontro-talba. Dana jaghmlu bla pregudizzju ghal kull dritt talvolta spettanti lill-kontendenti. Dwar spejjes tal-kawza, kompriza l-kontro-talba **jiddeciedi** li fic-cirkostanzi dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------